**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 31/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 07/08/'14** **314**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 07/08/'14** **369**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 7 t' Awwissu 2014

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (1) – Il-Kunsillier Anthony Grech (Ara inc. 4299/14)

1.05 Assenti (2) – Il-Kunsillier Alex Grech
- Il-Kunsillier Richard Scicluna.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-1 ta' Awwissu 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014
4. Festa Titolari
5. Debituri
6. Nuqqas t'attendenza ta' Kunsillieri
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 30/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 30/K7/14.

1.3.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 01/KA2/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' ).

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 4183 & 4299 | Email mingħand il-Kunsillier Anthony Grech rigward nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa ta' Lulju u Awwissu 2014. |
| 4276 | Stima mingħand l-MP&DC dwar *survey* tax-Xelter fi Triq Lapsi. |
| 4273 | Email mingħand il-Kunsillier John Agius dwar affarijiet li hemm bzonn li jinxtraw biex jitkomplew ix-xogħolijiet fix-Xelter. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 4183 & 4299**

B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Anthony Grech rigward nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa ta' Lulju u Awwissu 2014 ġie deċiż unanimament li jiġi skużat.

2.03 **Rif. Nru. 4276**

Il-Kunsill aċċetta unanimament l-istima mingħand is-Sur Albert Borg (MP&DC) dwar is-*survey* tax-Xelter fi Triq Lapsi.

**Rif.Nru. 4273**

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier John Agius dwar affarijiet li hemm bżonn u li nxtraw biex jitkomplew ix-xogħolijiet fix-Xelter.

2.05 Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li mill-ammont ta' €1200.00 li l-Kunsill approva fil-laqgħa preċedenti (Rif. Minuti 30/K7/14) biex jintużaw fuq ix-Xelter intefqu €69.68 aktar mill-ammont approvat ( Ara Appendiċi 'B').

2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibdet l-attenzjoni li:-

a) l-Kunsill għadu ma ngħatax b'encroachment il-harsien tax-Xelter kif talab u għalhekk bix-xogħlijiet li qed isiru l-Kunsill mhux konformi mar-regolamenti.

b) l-ispejjeż li qed jagħmel il-Kunsill fuq ix-Xelter ma kienux ibbadġitjati.

2.07 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

a) Il-Kunsill japprova l-ammont ta' € 200 oħra biex jintużaw għas-spejjeż oħra b'konnessjoni mal-ftuħ ta' Ix-Xelter ta' Lapsi.

b) Fix-Xelter minflok isir meter tad-dawl isir sub-meter u l-Kunsill iħallas tal-konsum biss meta jintuża.

c) Fil-ġurnata li jsir il-ftuħ uffiċjali ta' dan ix-Xelter, issir bibita' żgħira fejn l-ispiża ma taqbiżx l-ammont ta' € 300.

**3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014**

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014 (Ara Appendiċi 'C').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2014.

3.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Festa Titolari**

4.01 Għal waqt il-festa titolari ġie deċiż unanimament li:-

a) Issir attivita' imqassma fuq jumejn u li l-ammont totali ma jaqbiżx is-€700.00.

b) Il-Kunsill jipparteċipa b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tal-Ġostra biex tittella' l-attivita' tal-ġostra. Bħala parti mill-ispejjeż il-Kunsill ser jalloka €250.

c) Isir il-ftuħ uffiċjali ta' Ix-Xelter ta' Lapsi nhar l-Erbgħa 27 ta' Awwissu 2014 (Ara abbozz tal-programm - Appendiċi 'D').

4.02 B'riferenza għall-plakka li ser issir biex tikkomemora l-ftuħ ta' Ix-Xelter ta' Lapsi, ġie deċiż li fuq il-plakka jitniżżlu l-isem tas-Sindku u tal-Kunsillieri kollha. Iżda l-Kunsillier John Aġius ma qabilx ma' din id-deċiżjoni.

4.03 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Emmanuel Bonello f' isem is-Soċjeta' Muzikali Spinola (inc.ref. 4197/14). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li s-Soċjeta' Mużikali Spinola ttella' l-attivitajiet bejn it-23 u l-31 ta' Awwissu 2014 għall-Festa ta' San Ġiljan dment li jkollha l-permessi kollha meħtieġa.

4.04 Fir-rigward talba għall-għotja mill-Green MT, is-Soċjeta' Muzikali Spinola tiġi nfurmata li f'kaz li l-Green MT tqassam xi donazzjonijiet jiġu kkunsidrati bħal ma sar fil-passat. Madankollu s-Soċjeta' tiġi nfurmata li b'riferenza għall-Att Dwar il-Kunsilli Lokali artiklu 63A jgħid:-

***Kull donazzjoni kemm fi flus kif ukoll mhux bi flus minn xi Kunsill Lokali hi pprojbita.***

4.05 Ġie deċiż unanimament li jsir reklam ta' kwart ta' paġna (black & white) għall-ammont ta' €25 .00 fil-ktieb tal-festa tas-Soċjeta' Mużikali Spinola fejn il-Kunsill jagħti l-Festa t-Tajba lill-Ġiljaniżi kollha.

4.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan fejn urew ix-xewqa li jagħmlu mwejjed u siġġijiet f'Xatt is-Sajjieda għal żmien il-festa. Ġie deċiż unanimament li jinħareġ il-permess dment li waqt l-attivita' ma jsirx disco.

4.07 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ġie skużat fit-3.20p.m.

## 5. Debituri

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-lista tad-Debituri (Ara appendiċi 'E')

5.02 Fir-rigward l-ammont ta' €18,173.71 li huwa dovut lill-Kunsill mill-Green MT, il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tnejn 4 t' Awwissu 2014, saret laqgħa mas-Sur Joe Attard, fil-preżenza tas-Sindku Peter Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u rappreżentanta tal-Green MT Ms. Joanna Zammit.

5.03 F' din il-laqgħa s-Sur Attard informa lill-Kunsill li sa l-aħħar tas-sena 2014, il-Green MT ser tħallas l-ammont ta' €10,000.00 b'*instalments* ta' €2,000.00 fix-xahar. Il-bilanċ ta' €8,173.71 ser jitħallsu sa Marzu 2015.

5.04 Il-fatturi li ser jinħarġu mill-Kunsill minn Awwissu 2014, sa tmien il-kuntratt, għal l-administration fees, tonnage, attivita' tal-karnival, u Festa ta' Lapsi ser jitħallsu mill-Green MT f'April 2015, ikun kemm ikun l-ammont.

5.05 Dwar l-ammonti li huma dovuti lill-għaqdiet mill-Green MT u li jammontaw bejn €900.00 u l-€1,000.00 u li m'għandhomx x' jaqsmu ma' l-ammont dovut lill-Kunsill (imniżżla aktar il-fuq) dawn ser jitħallsu mill-Green MT lill-għaqdiet sa nhar il-Ġimgħa 8 t' Awwissu 2014.

5.06 B' riferenza għall-ammont pendenti ta' €5,076.70 li għad iridu jingħataw lill-Kunsill min-naħa tal-Pulizija, ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat b'dawn il-fatturi pendenti l-Aġent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit.

5.07 Fir-rigward l-ammont pendenti ta' Schranz Ltd li jammonta għall-ammont ta' 1,623.15, ġie deċiż unanimament li jintalab il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill Dott. Stefano Filletti, fejn jgħid jekk dan l-ammont pendenti għandux jiġi kkunsidrat bħala *bad debts* jew jekk tinfetaħx kawża bi *small claims tribunal.*

5.08 Fir-rigward l-ammont pendenti ta' €5939.18 li hemm dovut min-naħa tal-Water Services Corporation għal ħruġ tal-permessi, ġie deċiż unanimament li s-Sindku jinforma lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali b' din is-sitwazzjoni.

5.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li għad hemm ammont pendenti li jammonta għal €4496.54 min-naħa tar-Reġjuni, dawn b'konnessjoni mad-10% administration fee li l-Kunsill jirċievi mir-Reġjun għal ċitazzjonijiet li jkunu tħallsu.

5.10 Saret riferenza għall-ammont pendenti ta' €40.76 tas-Sur Neil Muscat, wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dan jitniżżel bħala *bad debtor*.

## 6. Nuqqas t'attendenza ta' Kunsillieri

6.01 Saret riferenza ghal Att XV ta' l-1993, Att Dwar il-Kunsilli Lokali, Kapitlu 363, Taqsima II, Paragrafu 18.

6.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier Anthony Grech u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli naqsu milli jattendu għal aktar minn terz tal-laqgħat f'sitt xhur (Ara Appendiċi 'F').

6.03 Ġie deċiż unanimament li meta jiġi nfurmat il-Ministru, il-postijiet tagħhom ma jiġux iddikkjarati vakanti peress li n-nuqqas ta' l-attendenza tagħhom kienet ġustifikata.

## 7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'G').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet Nru. 3622 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H').

8.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheet Nru. 3622.

8.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

8.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li ir-Request Sheet Nru. 3622 ser tinżamm '*on hold*' sakemm il-Kunsill ikollu l-fondi disponibbli.

8.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9. Materji Ohra

9.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis 25 ta' Settembru 2014 fis-2.00p.m.

9.02 Il-laqgħa ntemmet fl-4.00p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**